# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi



IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: 21556661 – 21556427 – 2155 1211 FAX: 21551278 WEBSITE: www.gozodiocese.org



**Nru. 388.** **April 2009**


**IS-46 KUNGRESS DJOĊESAN TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES TA' ALLA**
**IL-ĦADD 26ta' APRIL 2008**
**Fil-PARROĊĊA TA' Santa Margerita V.M SANNAT**
**SUĠĠETT: " L-ISEM TA' ĠESÙ KRISTU IKUN IGLORIFIKAT FIKOM U INTOM FIH " (2.Tel.1,12).**
**Imexxi KORTEO fil-5.00p.m. minn ĦDEJN L-Iskola Primarja**
**L-E.T. MONS MARIO GRECH ISQOF T' GĦAWDEX**

*KULLHADD HUWA MISTIEDEN*

==========================================================================

## SILTIET DWAR IT-TRIDU PASKWALI MILL-ITTRA ENĊIKLIKA "IL-KNISJA TGĦIX BL-EWKARISTIJA" TAL-PAPA ĠWANNI PAWLU II

Mill-misteru tal-Għid titwieled il-Knisja. Proprju minħabba f'hekk, li l-Ewkaristija, li hija s-sagrament per eċċellenza tal-misteru tal-Għid, tqiegħed lilha nnifisha fiċ-ċentru tal-ħajja ekkleżjali. Dan jidher sa mill-ewwel xbihat tal-Knisja, li joffrulna l-Atti ta' l-Appostli: " Huma kienu jżommu sħaħ fit-tagħlim ta' l-Appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb".(2,42). Fil-"qsim tal-hobż" naraw l-Ewkaristija. Wara elfejn sena aħna qed inkomplu nwettqu dawk ix-xbihat tal-bidu tal-Knisja. U filwaqt li nwettquhom fiċ-Ċelebrażżjoni Ewkaristika, l-għajnejn tar-ruħ imorru fuq it-Tridu Paskwali: għal dak li seħħ dak in-nhar filgħaxija ta' Ħamis ix-Xirka, matul l-Aħħar Ċena, u dak li seħħ wara. Infatti it-twaqqif ta' l-Ewkaristija antiċipa sagramentalment dawk il-grajjiet li ftit tal-ħin wara kellhom jitwettqu, sa mill-agunija fil-Ġestsemani. Naraw lil Ġesù ħiereġ miċ-Ċenaklu, jinżel flimkien mad-dixxpli sabiex jaqsam il-wied ta' Kedron u jasal fil-Ġnien taż-Żebbuġ. F'dak il-ġnien għad hemm xi siġar taż-żebbuġ antik ħafna. Forsi kienu xhieda ta' dak li seħħ għad-dell tagħhom f'dik il-lejla, meta Kristu, waqt li kien jitlob, ġarrab dwejjaq tal-mewt " u l-għaraq tiegħu sarlu bħal qtar tad-demm iċarċar sa l-art" (Lq22,44). Id-demm li ftit qabel kien offra lill-Knisja bħala xorb li jġib is-salvazzjoni fis-Sagrament Ewkaristiku, beda jixxerred; it-tixrid tiegħu kellu mbagħad jitwettaq fil-milja tiegħu fuq il-Golgota, u b'hekk sar l-għodda tal-fidwa tagħna: " Kristu (…) li ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid ġejjieni, (…) hu daħal darba għal dejjem fis-santwarju, mhux bis-saħħa tad-demmtal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk kiseb fidwa għal dejjem ( Lhud 9, 11-12). (nru.3).

L-Għid ta' Kristu jiġbor fih, flimkien mal-passjoni u l-mewt, anke l-qawmien. Din il-ħaġa hija mfakkra mill-akklamazzjoni tal-poplu wara l-konsagrazzjoni:" inxandru l-qawmien tiegħek". Fil-fatt, is-Sagrifiċċju Ewkaristiku jagħmel preżenti mhux biss il-misteru tal-passjoni u tal-mewt tas-Salvatur, imma wkoll il-misteru tal-qawmien, li fih is-sagrifiċċju jsib l-inkoronament tiegħu.(nru.14

# Kalendarju Pastorali
# April – 2009
# Numru 388

| | |
|---|---|
| 1.Erbgħa | Laqgħa għall-Kappillani. Ragħaj it-Tajjeb, Victoria fit-8.30a.m. |
| 3.Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Reparatriċi.<br>Tifkira tal-Madonna tad-Duluri : Purċissjonijiet fil-Parroċċi. |
| 4.Sibt | Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Jum iż-Żgħażagħ. Seminarju 8.30p.m. –KDŻ.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Knisja ta' Savina li jibda fit-8.30 pm. |
| 5.Ħadd | Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej. Messalin sena B. paġina 172.<br>Il-24 Jum Mondjali taż-żgħażagħ.<br>Via Sagra Djoċesana mis-Santwarju "Ta' Pinu" għall-għolja t'Għammar fis-7.00p.m.<br>Films għall-familja fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 7.Tlieta | Jum is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Ċelebrazzjoni Komunitarja tal-Qrar fil-Parroċċi<br>Is-17- il dehra tal- B.Verġni Marija ġewwa Lourdes.<br>Jum Dinji tas-Saħħa (NU). |
| 9.Ħamis | **Ħamis ix-Xirka.** Messalin sena B. 190./204.<br>Fil-Katidral issir il-Quddiesa tal-Griżma li fiha jitbierku ż-żjut Imqaddsa u s-saċerdoti jġeddu l-Wegħdiet Saċerdotali tagħhom. Il-Quddiesa tibda fid-9.00a.m.<br>Ikla għas-Saċerdoti kollha tad-djoċesi fis-Sala taċ-Ċentru Pastorali, Victoria. Ħin 11.30a.m.<br>Fil-għaxija fil-Knejjes issir it-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej. Ġabra għall-ħtiġijiet tad-Djoċesi.<br>It-42 Anniversarju tal-Konsagrazzjoni Episkopali ta' l-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof Emeritus. Isir talb għall-bżonnijiet tiegħu. |
| 10.Ġimgħa | **Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej**. Messalin sena B. paġina 211.<br>Hemm l-obbligu tas-Sawm u Astinenza. |
| I1.Sibt | Is-Sibt Qaddis ta' l-Għid. Messalin sena B. paġina 232 Issir is-Sahra tal-Għid.<br>Is-Siegħa tal-Omm,Ċelebrazzjoni Marjana fis-Santwarju f' Ta' Pinu fid-9.00a.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù Nadur li jibda fit-10.30 pm. |
| 12.Ħadd | **Il-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet.** Messalin sena B. p.271.<br>Jibda t-Tberik tal-Familji.Jibda il-Pellegrinaġġ tas-Sena Pawlina fuq il-Passi ta' San Pawl immexxi minn Mons Isqof Mario Grech sal-20 ta'April.<br>Films għall-Familja fl-Oratorju Don Bosco, Victoria, fil-5.30p.m. |
| 13-19 | Ottava ta' l-Għid. |
| 18.Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov, Ewk. fil-Knisja ta' Ħamet li jibda fit-8.30p.m. |
| 19.Ħadd | **It-Tieni Ħadd ta' l-Għid.** Messalin sena B. paġina 279.<br>**Festa tal-Ħniena Divina.**<br>Ir-Raba' Anniversarju mill-ħatra tal-Papa Benedittu XVI. Isir Talb għall-Papa.<br>L-Obolo ta' San Pietru –Ġabra fil-Knejjes<br>Films għall-familja fl-OratorjuDon Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 21.Tlieta | Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta-Kappella tal-Università – 7.15p.m. KDŻ. |
| 23.Ħamis | San Ġorġ Martri Patrun tal-Belt Vittorja u Protettur tal-Għawdxin. Festa fil-Belt Vittorja. Fid-djoċesi tifkira (0). |
| 24.Ġimgħa | Ir-Raba' anniversarju tal-Bidu tal-Pontifikat tal-Papa Benedittu XVI |
| 25. Sibt | San Mark, Evanġelista. Festa.<br>Adorazzjoni għall-Persuni kkonsagrati fil-Parroċċa tal-Fontana li tibda fis-6.30p.m. Il-Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku ser isir fil-Parroċċa ta' Sannat u jibda fit-8.30p.m. |
| 26.Ħadd | **It-Tielet Ħadd ta' l-Għid**. Missalin sena B paġina 284<br>Is- 46 Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla fil-Parroċċa ta' Sannat.Korteo fil-5.00p.m. minn ħdejn l-Iskola Primarja. |
| 30.Ħamis | San Piju V. Benefattur ta' Malta. |

IKUN IMFAĦĦAR L-ISEM QADDIS TA' ALLA
GĦAL DEJJEM IKUN IMFAĦĦAR